31 ta' Ottubru, 1952

**Imħallef:**

**L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

**Charles Attiak ne. *versus* Onor. Dr. Fortunato Mizzi ne. et.**

**Legat — Interpretazzjoni — Azzjoni — Interess — Testment — Arbitru — Gvern — Legat Imħolli minn Agnese Schembri.**

*Min jista' f'xi żmien jibbenefika minn legat għandu interess li jagħmel biex tiġi nterpretata mill-Qorti d-disposizzjoni testamentarja kontenenti dak il-legat, anki jekk l-interpretazzjoni li min jagħmel jagħti lil dak il-legat tista' ma tkunx dik li għandha tingħata skond il-liġi, jew li eventwalment tiġi mogħtija fis-sentenza.*

*Lanqas jista' jiġi miċħud l-interess f'min jaġixxi għal dik l-interpretazzjoni minħabba l-fatt li l-għażla tal-benefiċjarju għal-legat tkun rimessa lill-Gvern bħala arbitru ta' dik il-għażla; għax anki l-ġudizzju ta' l-arbitru jista' jiġi mpunjat, fost każi oħra, f'każ ta' żball sostanzjali.*

*L-interess f'min jagħmel kawża ma hemmx bżonn li jkun patrimonjali, imma jista' jkun anki morali u astratt, purkè jkun ta' natura ġuridika, jiġifieri li jkun jikkorrispondi għal leżjoni ta' dritt; u għalhekk hu biżżejjed, biex jirradika dak l-interess, anki sempliċi dritt onorifiku.*

*U lanqas hu meħtieġ li jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt vera u propria, imma hu biżżejjed li l-eżistenza tad-dritt tkun minaċċjata.*

*Ma jistax jingħad li min jagħmel kawża biex jiġi nterpretat legat ma għandux l-interess meħtieġ biex jaġixxi, fuq ir-rifless li s-sentenza ma tkunx tista' tiġi eżegwita; u dan għaliex l-oġġett tad-domanda huwa l-interpretazzjoni tal-legat, u mhux konċepibili kif is-sentenza li tagħti dik l-interpretazzjoni tista' tiġi injorata u tista' ma tiġix eżegwita.*

*Id-dispożizzjonijiet kontenuti f'testment għandhom jiġu nterpetati b'riferenza għaż-żmien li fih saru; u huwa paċifiku fid-dottrina li, sakemm ma tirriżultax volontà kuntrarja tat-testatur, is-sess maskil imsemmi f'dispożizzjoni testamentarja jikkomprendi s-sess femminil.*

*B'applikazzjoni tal-prinċipji hawn fuq esposti, fil-każ preżenti l-Qorti rriteniet li l-attur kellu nteress jaġixxi biex il-Qorti tagħti interpretazzjoni tal-Legat imħolli minn Agnese Schembri fl-atti tan-Nutar Francesco Schembri Zarb tas-17 ta' Ġunju 1918; u illi dak il-legat huwa ntiż mhux biss għall-persuni ta' sess maskil, imma anki għal dawk ta' sess femminil.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur, li biha, wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti meħtieġa u magħmula d-dikjarazzjonijiet li jkun hemm bżonn, peress li b'testment sigriet publikat min-Nutar Francesco Schembri Zarb fis-17 ta' Ġunju 1918 (dok. B) Agnese Schembri ħalliet, fir-raba' artikolu, legat favur il-Gvern Ċivili l-utili dominju temporaneu ta' stabili, sottopost għall-kondizzjoni li l-Gvern għandu jobbliga ruħu, ma' l-aċċettazzjoni tal-legat, sat-30 ta' Mejju 1959, imantni ("uno o più giovani maltesi all'estero") ġuvni jew aktar minn ġuvni wieħed malti barra minn Malta, biex jitgħallem arti jew mes-

tjer, kompriża l-mekkanika, biex l-apprendisti jaslu biex ikunu chauffeurs tajba, jew akkordaturi ta' pjanoforti, tant neċessarji kemm assolutament difettużi f'Malta; u peress illi b'kuntratt tan-Nutar tal-Gvern tas-16 ta' Mejju 1919 il-Gvern Ċivili aċċetta u ġie immess fil-legat fuq imsemmi, u espressament obliga ruħu "to employ the whole of the proceeds of the said utile dominium in maintaining abroad one or more Maltese young men for the purpose of learning an art or a handicraft ("mestiere"), comprising mechanics, in order that he or they may thus be enabled to become good chauffers or piano tuners" (dok. C); u peress illi l-Gvern Ċivili, b'avviż publikat fil-Government Gazette tas-16 ta' Novembru 1951 (dok. D), invita konkorrenti għall-konsegwiment ta' l-istess legat, u l-imsemmi Paul Axiak applika għall-istess, biex jagħmel studji li jonqsuh fil-kors ta' tenur li qiegħed isegwi; u peress illi l-Gvern, kif jidher mir-risposta li tah il-konvenut Onorevoli Dottor Mizzi fil-31 ta' Marzu 1952 (dok. E) għall-mistoqsija ta' l-Onorevoli Dottor Albert Hyzler, M.L.A., iddikjara li l-persuna magħżula mill-Gvern kienet ta' sess femminili; u peress illi bi protest tat-22 ta' Marzu 1952 (dok. F) l-attur nomine ddiffida lill-Gvern biex ma jagħżelx għal-legat persuna ta' sess femminili; u peress illi b'ittra apparentement datata 25 ta' Marzu 1952 (dok. G.H.I.J.K.L.M.), li però ġiet impustata fil-21 ta' April 1952 (dok. N.) l-attur ġie nfurmat li l-għażla l-Gvern għamilha; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-legat fuq imsemmi huwa konsegwibili biss minn persuni ta' sess maskil, u dana sija skond il-kliem użat, u jekk ikun hemm bżonn anki skond il-verosimili intenzjoni tat-testatriċi; u li tiġi in konsegwenza dikjarata nulla u ta' ebda effett kwalunkwe għażla li l-Gvern għamel ta' persuna ta' sess femminili. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju, kompriżi dawk tal-protest tat-22 ta' Marzu 1952, u bl-inġunzjoni lill-imħarrkin biex jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-"karenza" ta' interess fl-attur, opposta mill-konvenuti. Dawna qegħdin jibbażaw l-eċċezzjoni tagħhom fuq diversi motivi, li, għall-kjarezza tat-trattazzjoni, hu xieraq li jiġu eżaminati partitament;

Illi l-ewwel motiv jikkonsisti filli l-attur, lanqas jekk jirbaħ din il-kawża, ma jkollux dritt li jgħel lill-konvenuti jagħ-

tu l-legat lilu; għaliex il-għażla hija rimessa għall-ġudizzju insindakabili *tal-Gvern. Fi kliem ieħor, l-attur ma għandux in*teress leġittimu jipproponi dina l-kawża, għaliex fih ma jikkonkorrux flimkien id-dritt u l-interess;

Illi dina l-obbjezzjoni, fil-fehma tal-Qorti, mhix aċċettabili, għaliex tinjora d-distinzjoni tradizzjonali bejn dritt u interess. "Il diritto d'agire", jgħid Mortara, "e il diritto che è oggetto dell'azione sono entità totalmente distinte; l'esercizio dell'azione ha solo come presupposto ipotetico, non come presupposto certo, l'esistenza o la violazione del diritto che ne forma *l'oggetto". U aktar 'il quddiem :— "Il diritto litigioso è* una pretesa che acquista o riacquista valore e vigore di diritto, con effetto retroattivo, solo mercè la sentenza del giudice". Għalhekk, dwar il-pretiża konkomitanza taż-żewġ konċetti fuq imsemmija, l-istess awtur jikkonkludi :— "L'errore apparisce manifesto appena si rifletta essere il contenuto della domanda una pretesa, che può anche non corrispondere a un diritto" (Manuale di Procedura Civile, Vol. I. para. 14, 21, 38). Issa, id-domanda prinċipali ta' l-attur, ben diversa minn kif iddeskrivewha *l-konvenuti, għandha bħala oġġett tagħha l-interpre*tazzjoni ta' legat—ħaġa din li ma jidherx li qatt ġiet kontestata lil min jista' f'xi żmien jibbenefika minn dik id-dispożizzjoni (Kollez. XXV—I—711). Xejn ma jfisser li l-interpretazzjoni ta' l-attur tista' ma tkunx dik li għandha, skond il-liġi, tingħata, u li eventwalment tiġi mogħtija fis-sentenza; għaliex, biex jista' jingħad li l-attur għandu dritt jipproċedi ġudizzjarjament, mhux assolutament neċessarju li hu jkollu dejjem raġun;

*Illi xejn ma jiswa, kif jippretendu l-konvenuti, li l-Gvern* hu arbitru fil-għażla tal-benefiċjarju tal-legat, għaliex anki l-ġudizzju ta' l-arbitru jista' jiġi mpunjat, fost oħrajn, f'każ ta' żball sostanzjali (Kollez. XXXI—I—55);

Illi mhix applikabili s-sentenza ċitata mill-konvenuti, mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell tar-Re fil-kawża "Xuereb vs. Petrococchino" fl-4 ta' Diċembru 1944; mhux biss għaliex fil-każ tagħha l-Gvern aġixxa "jure gestionis", iżda wkoll għaliex l-attur ma jistax ikun prekluż li jikkritika, u għal bżonn iwaqqa', *l-aġir tal-konvenuti fil-mod kif dawn qegħdin jamminis*traw il-legat in kwistjoni. Si tratta ta' legat "cum onere" isti-

twit favur terzi persuni, fosthom anki l-attur, li bħala legatarju ta' l-"onus" għandu d-drittijiet kollha li l-liġi tannetti lil kwalunkwe legat, mhux eskluži dak tas-sorveljanza għall-puntwali adempiment ta' l-"onus" u għar-riżoluzzjoni tal-legat f'każ ta' inadempjenza (Laurent, Diritto Civile, Vol. XIII, nri. 546 u 548);

Illi obbjezzjoni oħra, magħmula mill-konvenuti, hija li l-azzjoni odjerna mhix kapaċi tirrendi lill-attur ebda riżultat utili jew vantaġġjuż. Hawn għandu jiġi rikjamat il-prinċipju, ormaj indiskutibili, li l-interess f'min jagħmel kawża ma hemmx bżonn li jkun patrimonjali, u jista' jkun anki morali u astratt, purkè ta' natura ġuridika; jiġifieri għandu jikkorrispondi għallezjoni ta' dritt, u għalhekk biżżejjed biex jirradika l-interess anki sempliċi dritt onorifiku (Kollez. Vol. XXVI—I—432). Lanqas hu meħtieġ li jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt vera u proprja; u biżżejjed li l-eżistenza tad-dritt tkun minaċċjata; għaliex, fi kliem il-Mortara, "il concetto generico della violazione del diritto è molto ampio; esso comprende ogni impedimento non legittimo, ogni condizione, positiva o negativa, contraria allo stato o modo di godimento di un diritto"; u dan għar-raġuni evidenti li "le condizioni di godimento di un diritto costituiscono, nel loro insieme, il potere d'esercitare tale diritto" (op. ċit., para. 41). Issa, fil-ħsieb ta' l-attur, l-interpretazzjoni tal-legat mogħtija mill-Gvern hija ħażina, u qiegħda tfixkel il-mod tat-tgawdija tal-legat, fis-sens li qegħdin jiġu ammessi għal dik it-tgawdija persuni ta' sess femminili, mentri fil-fehma ta' l-attur il-legat hu destinat unikament għall-persuni ta' sess maskil. Taħt dan l-aspett l-azzjoni ta' l-attur, in kwantu ntiża biex teskludi n-nisa, u b'hekk tillimita n-numru tal-konkorrenti, hija għall-attur indubbjament ta' vantaġġ. Veru li l-attur jista' ma jiġix magħżul; iżda, jekk tittrijonfa l-interpretazzjoni mogħtija minnu, il-possibiltajiet ta' xelta għalih jikbru indubbjament. U dan hu biżżejjed biex ikollu nteress jagħmel dina l-kawża;

Illi, dejjem skond il-konvenuti, jeżula dana l-interess flattur għaliex is-sentenza ma tkunx tista' tiġi eżegwita. Evidentement il-konvenuti injoraw l-oġġett taż-żewġ domandi dedotti fiċ-ċitazzjoni. Dawn sostanzjalment għandhom bħala oġġett l-interpretazzjoni tal-legat, u bħala konsegwenza l-ineffikaċja

tal-għażla li tkun saret, kuntrarjament għal dik l-interpretazzjoni, ta' persuni ta' sess femminili. Issa, jekk dawn id-domandi jiġu akkolti, mhux komprensibili kif il-konvenuti jkunu jistgħu *jinjoraw u ma jeżegwux is-sentenza*;

Illi, fl-aħħarnett, il-konvenuti rrilevaw li l-attur ma għandux aktar interess ikompli l-kawża, għaliex hu ġie skritturat bħala tenur mal-Covent *Garden Opera House* ta' Londra, u għalhekk ma għandux aktar bżonn tal-legat. Anki hawn ta' min josserva li, għad li hu veru li l-interess fl-attur għandu jeżisti mhux biss fl-mizju, iżda anki fil-kors tal-kawża, sa l-aħħar, fil-każ tagħna dana l-interess fl-attur ma naqasx, billi, apparti li hu skritturat "on probation", fil-kliem tax-xhud Dr. Richard Toledo (fol. 62 tergo), "Paul Axiak kif jinsab il-lum, *għad irid ikompli* l-istudji tiegħu tal-kant, u jkun aktar jista' jsib surmastrijiet tajbin biss jekk ikollu flus f'idejh"; u għad li s-salarju ta' l-attur jilħaq mat-£30 fil-ġimgħa, l-ispejjeż li jrid jaffronta huma kbar ħafna. Del resto, l-intenzjoni tat-testatriċi li l-legatarji jiġu mibgħutin "all'estero" tfisser loġikament li rieditħom jakkwistaw fl-arti dik il-perfezzjon li f'Malta ma setgħux jottjenu; u s'issa ebda prova ma saret li l-attur attwalment irraġġunġa dina l-perfezzjoni fl-arti tiegħu;

*Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti* hija tal-fehma li l-preġudizzjali tan-nuqqas ta' interess fl-attur mhix sostenibili;

Fil-meritu, imbagħad, tikkunsidra;

Illi Agnese Schembri, *fl-art. 4 tat-testment sigriet tagħha*, miftuħ u pubblikat min-Nutar Fco. Schembri Zarb fis-17 ta' Ġunju 1918, ħalliet "in titolo di legato al Governo di queste Isole l'utile dominio del corpo di beni in Valletta, Strada Mezzodì, cantonata con Strada Stretta" (deskritt aħjar fit-testment), u assoġġettat dan il-laxxitu għal diversi kondizzjonijiet, fosthom dik "che il Governo medesimo, nell'atto di consolidazione, *si obbligasse contestualmente* di erogare in ciascun anno........ l'utile ricavabile, mantenendo uno o più giovani maltesi all'estero per apprendere un'arte o mestiere, compresa la meccanica, che potrebbe mettere gli apprendisti in grado di diventare buoni chauffers oppure accordatori di pianoforti, tanto necessari quanto assolutamente difettosi in Malta";

Illi l-attur jippretendi li x-xelta ta' dawk li jistgħu jibbenefikaw mill-legat għandha ssir biss fost persuni ta' sess mas-

kili, bl-esklużjoni tas-sess femminili; liema interpretazzjoni, skond l-attur, tinsab bażata (1) fuq il-kliem użati fl-imsemmija dispożizzjoni, li huma fis-sens maskil biss, "uno o più giovani", u (2) fuq il-verosimili intenzjoni tat-testatriċi, derivanti u dedotta mill-fatt li hija semmiet l-arti tax-"chauffers" u ta' l-akkordaturi, "accordatori di pianoforti", li, speċjalment fl-epoka li sar it-testment, kienet proprja tar-rġiel — "munus virile";

Illi, kwantu għal dan it-tieni motiv, ma ġiex kontestat li dawk il-mestjeri jinsabu ndikati b'sempliċi eżemplifikazzjoni, u ma setax kien diversament; għaliex fil-każ tal-mużika, li hija indubbjament arti, it-testatriċi ma setgħetx kellha intenzjoni li teskludi s-sess femminili, li anki dak iż-żmien, forsi aktar mil-lum, kien jiddedika ruħu għal dik l-arti;

Illi, rigward l-ewwel motiv, għandu jingħad qabel xejn li d-dispożizzjonijiet ta' testment għandhom jiġu nterpretati b'riferenza għaż-żmien li fih saru. Issa, sa mill-antik, huwa paċifiku fid-dottrina li, sakemm ma tirriżultax volontà kuntrarja, "semper sexus masculinus etiam foeminam continet". Infatti, kif ġustament osserva Richeri, "nullum est inter mares et foeminas a legibus discrimen constitutum, puta in conventionibus praeter fideiussionem, in testamentis, successionibus..... ita ut sub masculino sexu, foemineus comprehendatur, sed non e contrario sub foemineo contineatur masculinus, quod pessimum exemplo Pomponio visum est, non minus quam virum mulieribus uti vestibus" (Jurisprudentia Universalis, Lib. I, para. 412). F'dan is-sens ukoll għamlet applikazzjoni għall-kelma "filius" il-Qorti ta' l-Appell tar-Re fil-kawża "Dorell vs. D'Amico", deċiża fit-3 ta' Awissu 1885, meta rriteniet li "la parola 'filius' non è affatto ambigua; e se pur lo fosse, secondo la legge del Diritto Romano o di alcuni interpreti del medesimo, in giurisprdenza........... comunemente è consentito che le parole 'filius primogenitus, de primogenito in primogenitum', comprendono non solo i maschi, ma anche le femmine";

Illi ebda argument ma jista' jinġibed mill-fatt li għal-legat in kwistjoni t-testatriċi ma sejħitx espressament, kif setgħet tagħmel, anki l-persuni ta' sess femminili; għaliex, kif jgħallem Torre (ċitat fl-aħħar sentenza fuq miġjuba), "inter vocationem hominis et illius exclusionem datur medium, nempe vocatio

legis unde stat simul quod quis in expressa dispositione hominis vocatus non sit, et nihilio minus ei intacta sint jura quae ex legis beneficio nanciscuntur";

Illi, biex dina l-interpretazzjoni tiġi mwarrba, jeħtieġ li jirriżulta b'mod mhux ekwivoku li l-volontà tat-testatriċi kienet diversa, deżumibili dina l-volontà jew mill-lokuzzjoni restrittiva u eskluživa adoperata fid-dispożizzjoni, jew inkella mill-oġġett tal-legat, meta dan ikun per sè intiż u konsegwibili minn persuni ta' sess maskili biss — ħaġa dina li fil-każ tagħna ma tirrikorrix;

Illi ma jiswiex il-fatt li l-Gvern, fl-att ta' l-aċċettazzjoni tal-legat, uża l-espressjoni "one or more young men", u fl-avviż tal-konkors uża l-maskili b'riferenza għall-kandidati; għaliex, apparti l-fatt li l-Gvern ġie li għażel anki nisa, b'dawk l-espressjonijiet ma eskludihom bl-ebda mod;

Illi, kif sewwa osservaw il-konvenuti fin-nota tagħhom fol. 42, f'każ ta' legati favur il-foqra ("poveri") jew is-servi ("domestici"), ħadd ma ddubita li għandhom jew jistgħu jiġu kompriżi anki n-nisa, non ostanti l-użu tal-maskil biss;

Rigward, fl-aħħarnett, l-inċident sollevat mill-konvenuti bir-rikors tagħhom tat-28 ta' Ġunju 1952 għall-isfilz tax-xhieda ta' Dr. Richard Toledo, il-Qorti tikkunsidra l-inċident eżawrit bil-kontro-eżami li sar lix-xhud mill-konvenuti fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 1952, u konsegwentement mhix sejra tieħu konjizzjoni tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-preġudizzjali ta' karenza ta' interess fl-attur. opposta mill-konvenuti nomine; bl-ispejjeż kontra tagħhom;

U fil-meritu tirrespinġi wkoll id-domandi ta' l-attur nomine; l-ispejjeż, in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-attur nomine.